**10 ta' Mejju, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Dr. Noel V. Arrigo LL.D.**

Joseph u Alexander Ciantar

*versus*

L-Onoveroli Prim Ministru

**Artikolu Introdott wara li Seħħ Reat - Applikabilita` - Ħlas ta' Danni - *Suspended Sentence* - Piena jew Kumpens - Appell Ssempliċementi Frivolu u Vessatorju**

*Il-Qorti rriteniet li hawnhekk, "sempliċement", tfisser li t-tqanqil tal-kwistjoni biex issir referenza, jew it-talba fir-rikors quddiem il-Prim'Awla - ikunu, mal-ewwel jidhru li huma vani, nieqsa mis-serjeta`, manifestament nieqsa mis-sens, u ma jistħoqqilhomx attenzjoni (ara Qorti Kostituzzjonali **Mifsud vs l-Avukat Ġenerali** LXXIV.I.234) u dan kollu b'mod tant ċar illi mhux raġonevolment possibbli li jiġi kontestat, li dak it-tqanqil u dik it-talba huma effettivament frivoli. U l-istess għandu jingħad għall-konklużjoni l-oħra ta' vessatorjeta` fejn tant ma jkunx hemm raġunijiet sufficjenti biex isostnu it-tqanqil jew it-talba, illi allura l-motivazzjoni li għalihom*

*sar tkun li ddejjaq u tirrita lill-kontro-parti (ibid).*

*Il-Qorti rreteniet li dan ma kienx il-każ in deżamina.*

*Iżda fil-mertu ċaħdet l-appell għax ir-rikorrenti ma użawx il-mezzi tal-liġi ordinarja.*

Il-Qorti:-

F'xi żmien qabel l-14 ta' Settembru, 1984 Joseph Ciantar u ibnu Alexander Ciantar, ikkommettew ir-reati ta' approprjazzjoni indebita u frodi għad-dannu tal-kumpannija Mabrouk Limited, (il-kumpannija) u l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-22 ta' Jannar, 1993 wara li sabithom ħatja tar-reati imsemmija - ikkundannat lil kull wieħed minnhom għal sena priġunerija, sospiża għal perijodu ta' sentejn kemm-il darba ma jikkommettux, f'dak il-perijodu, reat ieħor li l-piena tiegħu hija karċerarja - artikolu 28A Kap.9; kif ukoll sabiex solidalment bejniethom, fi żmien sitt xhur, iħallsu lill-kumpannija s-somma ta elfejn u ħames mitt lira (Lm2500) - artikolu 28A(1)(2)(4) Kap.9.;

Wara appell fuq il-mertu u fuq il-liġi, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti inkwantu tirrigwarda lil Joseph Ciantar u rriformatha rigward Alexander Ciantar u kkundannatu għal sitt xhur priġunerija, flok sena, liema piena tibqa' sospiża għal sena, minflok għal sentejn;

Fil-11 ta' Jannar, 1994 il-kumpannija interpellat lill-kundannati biex iħallsuha l-Lm2500 li semmew is-sentenzi. Huma offrew dan l-ammont għas-saldu pero' l-kumpannija rrifjutat u ma kinitx preparata li taċċetta l-ammont għas-saldu;

Il-kumpannija fil-11 ta' Jannar, 1994 infurmat lill-Qorti tal-Maġistrati b'dak li ġara u talbitha biex taghti dawk id-direttivi li jidhrilha xierqa skond id-disposizzjonijet ta' l-artikolu 28(h) Kap.9, billli Joseph Ciantar u Alexander Ciantar ma ghaddewx biex jaghmlu l-pagament ordnat mis-sentenza;

Fil-kawża preżenti b'rikors quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preżentat fis-17 ta' Jannar, 1994 ir-rikorrenti issottomettew illi dik il-parti tal-kundanna li huma sofrew, biex iħallsu Lm2500 lill-kumpannija kienet piena li ġiet introdotta bl-artikolu 28(h) Kap.9 bl-Att XXIX ta' l-1990, jiġifieri snin wara li huma ikkommettew ir-reati imsemmija, żgur qabel l-14 ta' Settembru, 1984;

Ir-rikorrenti esponew illi dan jikser id-dritt fundamentali taghhom garantit mill-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni; u konsegwentement talbu li dik il-parti tas-sentenza fejn huma ġew hekk kundannati tiġi dikjarata nulla u lil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili taghti kull provvediment ieħor li jidhirlha xierqa;

L-intimat oppona t-talba ghaliex (a) ir-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju u ma wżawx - rimedju bħal dak li jsemmi l-artikolu 27 Kap. 9; (b) li l-artikolu 28(h) ma joħloqx piena; u (ċ) li r-rikorrenti m'ghandhomx dritt li jgawdu mill-provvedimenti li jikkonċedu s-sospensjoni tas-sentenza , li saru żmien wara li kkommettew ir-reati, imma mbaghad, fl-istess ħin, jillamentaw mill-kundanna biex iħallsu d-dannu li kkawżaw, ghaliex din ukoll ġiet introdotta wara li huma kkomettew ir-reati;

Fil-25 ta' Novembru, 1994 l-ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet it-talbiet tar-rikors u *ddikjaratu frivolu u* vessatorju;

Tgħid is-sentenza:

"Jirriżulta li r-rikorrenti, fir-rikors ta' appell tagħhom, ma qajmu l-ebda oġġezzjoni dwar il-piena inflitta lilhom mil-ewwel Qorti u lanqas ma jidher li huma kienu kuntrarji għall-applikazzjoni, favur tagħhom, tas-*suspended sentence* bil-kundizzjoni imposta tal-ħlas tas-somma ta' Lm2500.00 lill-parte civile jew mingħajrha u dan jingħad kemm fir-rigward taż-żmien li l-każ kien quddiem l-ewwel Qorti, *kif ukoll fl-istadju ta' l-appell;*

Kjarament, pero`, hija ħaġa ċerta li meta r-rikorrenti ntavolaw l-ittra uffiċjali tas-27 ta' Ottubru, 1993 (li kopja tagħha tinsab esebita fol. 40), kontra s-soċjeta` Mabrouk Limited, li kienet il-parti lesa, huma kienu qegħdin juru ruħhom sodisfatti bil-piena li kienet ġiet inflitta lilhom. Difatti, filwaqt li huma jagħmlu referenza għas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-28 ta' Novembru, 1993 u jgħidu li biha kienu ġew kundannati jħallsuha s-somma ta' Lm2500.00 għas-saldu tad-danni dovuti minnhom lilha, huma awtorizzawha tiżbanka din is-somma mill-kont tagħhom *savings* li kellhom mal-fergħa ta' *Bormla tal-Bank Mid-Med;*

Kif wieħed kien jistenna, is-soċjeta` Mabrouk Limited ma aċċettatx dan l-invit tar-rikorrenti u b'ittra uffiċjali responsiva għarrfithom li l-offerta tagħhom ma kinitx skond il-liġi u fit-termini tas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell. Infatti, l-ammont ta' Lm2500.00 li kellu jitħallas bħala kumpens tad-danni sofferti minnha ma setax jiġi aċċettat bħala ħlas għas-saldu għaliex, skond l-artikolu 28(h)(2) ta' l-imsemmi Kap. 9, jingħad li kwalsiasi

ammont li jiġi likwidat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali jew mill-Qorti Kriminali jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-partijiet fil-kawża ċivili pendenti bejniethom;

Konsegwentement, l-imsemmija soċjeta` Mabrouk Limited irrikorriet lejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u, wara li esponiet il-punti saljenti ġa aċċennati, talbitha tagħti dawk id-direttivi li jidhrilha xierqa skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28H tal-Kap. 9 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta;

Ir-rikors odjern huwa r-risposta tar-rikorrenti biex iżommu lil dik il-Qorti milli tagħti d-direttivi mitluba;

Jingħad illi, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, id-direttiva li l-imsemmija Qorti kienet mistennija tagħti a tenur tal-preċitat artikolu tal-liġi hija li s-sentenza sospiża fir-rigward taż-żewġ rikorrenti kellha tibda sseħħ;

Issa, f'dan ir-rikors kostituzzjonali, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu li din il-Qorti għandha tiddikjara li s-sentenza ġa msemmija mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-28 ta' Mejju, 1988 hija in vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom in kwantu li tmur kontra l-artikolu 39 sub-artikolu 8 tal-Kostituzzjoni u kontra l-artikolu 7 sub-artikolu 1 ta' l-Att XIV ta' l-1987 u, konsegwentement, għandha tiddikjara l-istess sentenza nulla u tieħu dawk il-provvedimenti neċessarji li hija tħoss xierqa;

L-argument tar-rikorrenti huwa li meta l-ewwel Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura u l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali kkundannaw lir-rikorrenti

għall-piena ta' prigunerija sospiża, kif ukoll sabiex solidalment bejniethom iħallsu, fiż-żmien lilhom impost ta' sitt xhur, *lill-parte* civile, is-somma ta' Lm2500.00 b'applikazzjoni ta' l-artikoli 28A *et sequitur* tal-Kap. 9 , b'din l-aħħar kundanna ġiet inflitta piena ferm aktar eċċessiva minn dik li kienet misthoqqa meta ġie kommess id-delitt. Fi kliem ieħor, ir-rikorrenti qegħdin isostnu li ladarba r-reat li tiegħu huma ġew misjuba ħatja seħħ qabel l-introduzzjoni ta' l-artikolu 28A *et sequitur* tal-Kap.9, l-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H fil-konfront tagħhom jikkostitwixxi ksur tal-preċitati artikoli tal-Kostituzzjoni u ta' l-Att XIV ta' l-1987 għaliex b'hekk ġiet inflitta fuqhom piena addizzjonali li tikkonkretizza ruħha fil-ħlas tas-somma ta' Lm2500 lill-parti lesa;

Din il-Qorti, mingħajr eżitazzjoni ta' xejn, tgħid li dan ir-rikors kostituzzjonali huwa wieħed frivolu u vessatorju u *jikkostitwixxi* abbuż ta' dak li komunement huwa magħruf bħala *due process of law*;

Fil-fehma tal-Qorti, li wieħed jippretendi li l-kundizzjoni tal-ħlas tas-somma ta' Lm2500.00 imposta mill-Qorti tammonta għall-piena hija ħaġa għal kollox inaċċettabbli. Dak li qegħdin jinsew ir-rikorrenti huwa li l-artikolu 28H(1) tal-Kap.9 jikkwalifika kundizzjoni bħal din in diżamina bħal diretttiva u l-ammont ta' kumpens stabbilit b'din id-direttiva "għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' kull waħda mill-partijiet, jew ta' xi persuna oħra li jkollha interess, li joħorġu *mil-likwidazzjoni finali* ta' l-ammont dovut, jekk ikun il-każ, kif jista' jiġi eventwalment miftiehem jew deċiż f'kawża ċivili jew b'kull mod ieħor permess bil-liġi";

Mela, hu ċar li l-kundizzjoni tal-ħlas tas-somma ta' Lm2500.00

bl-ebda mod ma tista' titqies bħala piena. Il-kunċett wara l-idea tas-*suspended sentence* huwa li, filwaqt li dak li jkun ikun qiegħed igawdi l-liberta' minflok li jkun fi stat ta' priġunerija, il-vittma ta' l-egħmil doluż tiegħu tkun tista' tieħu kumpens biex b'hekk jittaffa xi ftit it-tort li jkun sarilha bl-azzjoni kriminuża tal-ħati;

Kif rajna, meta l-Qorti kienet qegħda tqis il-piena li kien bi ħsiebha tinfliġġi fuq ir-rikorrenti hija kellha, fl-ottika tagħha, ir-responsabbiltajiet tal-familja li kull wieħed kellu jġorr u, indubbjament, il-kundizzjoni tal-ħlas tas-somma ta' Lm2500.00 lill-parti lesa, fi żmien sitt xhur, kienet il-*quid pro quo* jew il-kumpens li kellu jitħallas biex jagħmel tajjeb għall-ammont ugwali li skond il-Qorti kien ittieħed abbużivament mir-rikorrenti;

Dak pero' li, fil-fehma tal-Qorti, iġib fix-xejn il-pretensjoni tar-rikorrenti li l-kundizzjoni tal-ħlas tas-somma ta' Lm2500.00 hija piena oħra inflitta fuqhom huwa l-fatt li skond il-liġi l-ħati jista' jagħżel li ma jikkonformax ruħu mad-direttiva u, f'dan il-każ, jekk il-persuna li lilha jkun dovut il-kumpens tressaq rikors maħluf mhux iżjed tard minn tlett xhur mit-tmiem taż-żmien stabbilit, il-Qorti għandha tappunta r-rikors għas-smiegħ u jekk tkun sodisfatta li l-ħati jkun naqas li jikkonforma ruħu mad-direttiva hija għandha tordna li s-sentenza sospiża għandha tibda sseħħ;

Fil-każ *de quo* mhux biss jirriżulta li r-rikorrenti ma oġġezzjonawx li tingħatalhom sentenza sospiża bil-kondizzjonali in kwistjoni, kif ukoll li huma ma appellawx fuq daqshekk iżda, dak li huwa aktar importanti, jirriżulta li huma ma kkonformawx ruħhom mad-direttiva u, dippiu', qegħdin jillanjaw li l-kundizzjoni imsemmija tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom u, fil-frattemp, il-piena ta' priġunerija li kellha tiġi fis-seħħ wara r-

rikors li tressaq mis-soċjeta' Mabrouk Limited skond il-liġi għadha sospiża bi ksur ċar ta' dak li jinsab kontemplat fl-artikolu tal-liġi preċitat;

Din il-Qorti, għalhekk tikkonkludi li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għall-każ tar-rikorrenti ma kien hemm l-ebda ksur ta' l-artikolu 39 sub-artikolu (8) tal-*Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 7 sub-artikolu 1 ta' l-Att XIV ta' l-*1987 u, kwindi, filwaqt li tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti qegħda terġa' ttenni li r-rikors tagħhom huwa wieħed frivolu u vessatorju;

L-ispejjeż jitħallsu mir-rikorrenti";

Ir-rikorrenti qegħdin jappellaw u ssottomettew illi l-ewwel Qorti ma setgħet qatt tkun ġustifikata biex tasal għall-konklużjoni li r-rikors tagħhom huwa frivolu u vessatorju jekk kemm-il darba, kif jidher ċar, lanqas biss ma ħadet in konsiderazzjoni anke punt wieħed biss minn dawk li minnhom ġew sollevati fin-nota ta' *osservazzjonijiet tagħhom tat-22 ta' Frar, 1994. Biex l-ewwel Qorti* setgħet tasal biex tgħid li r-rikors huwa vessatorju trid tagħti l-motivazzjonijiet neċessarji li m'għandhomx jingħataw b'mod superfiċjali;

L-intimat issottometta li l-appell mhux proponibbli skond l-artikolu 46(3) u (5) tal-Kostituzzjoni;

Il-partijiet f'dan l-appell ippreżentaw noti ta' osservazzjonijiet. Naturalment, dawn, in konformita' mad-direttiva tal-Qorti, kienu limitati għall-kwistjoni ta' l-appellabbilita' o meno tas-sentenza ta' l-ewwel *grad li tkun iddikjarat li l-kwistjoni* kostituzzjonali sollevata f'xi kawża pendenti quddiem xi Qorti li mhix il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew din il-Qorti Kostituzzjonali, jew xi rikors li

jillamenta xi vjolazzjoni ta' dritt fundamentali, liema sentenza tiddikjara li r-referenza jew ir-rikors ikun sempliċement frivolu jew vessatorju;

In-nota tar-rikorrenti hija limitata għall-kjarifikazzjoni tat-tifsira tat-termini *frivolu* u *vessatorju* waqt li dik tar-rikorrent hija nota nutrita li teżamina wkoll il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti fuq din il-kwistjoni;

Huwa tajjeb li dan is-subinċiż 5 ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jiġi hawn kwotat:

"Ma jkunx hemm appell minn xi deċiżjoni skond dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun sempliċement frivola jew vessatorja";

Ir-referenza għal xi "xi deċiżjoni skond dan l-artikolu" hija għal xi deċiżjoni minn xi Qorti li quddiemha titqanqal xi kwistjoni li tirrigwarda d-drittijiet u libertajiet fundamentali protetti mill-Kostituzzjoni fl-artikoli 32 sa 45, jew xi deċiżjoni fuq l-istess drittijiet u libertajiet meta dik id-deċiżjoni tingħata mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla;

L-intimat appellat għamel referenza għal tlett sentenzi ta' din il-Qorti li applikaw dan is-subinċiż 5 ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, li ġie ripetut fl-artikolu 4(5) ta' l-Att XIV ta'l-1987 illum il-Kap.319, għal dak li huma kwistjonijiet li joħorġu mill-Konvenzjoni Ewropeja;

L-ewwel sentenza imsemmija mill-appellat hija tat-30 ta Mejju, 1990, **il-Pulizija** ***vs*** **Michael Pace** ***et*** (Vol. LXXIV.I.116);

Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) - kompetenza kriminali - irriferiet kwistjoni kostituzzjonali li ġiet sollevata quddiemha, lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla;

L-imputati qajmu xi eċċezzjonijiet quddiem il-Maġistrat u meta dawn ġew miċħuda, dik il-Qorti irriferiet il-kwistjoni sabiex jiġi eżaminat jekk dik iċ-ċaħda iġġib xi ksur ta' l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Meta saret it-trattazzjoni quddiem il-Prim'Awla pero`, iż-żewġ partijiet iddibattew fuq l-implikazzjonijiet ta' l-artikoli 39(5) (6) (10) tal-Kostituzzjoni u 6(3) tal-Konvenzjoni u mhux fuq l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Għalhekk il-Prim'Awla iddeċidiet illi l-kwistjoni sollevata mill-imputat kienet sempliċement frivola u vessatorja;

Meta l-imputati appellaw, din il-Qorti Kostituzzjonali, barra minn punti oħra, li m'humiex neċessarji għall-preżenti istanza, iddeċidiet illi:

(a) illi l-Prim'Awla, meta jkollha quddiemha riferenza fuq drittijiet fundamentali minn xi Qorti oħra, għandha l-fakolta` li tiddeċiedi li l-kwistjoni riferita hija, "mhux biss frivola iżda anke vessatorja"; u din, milli jidher, in risposta għas-sottomissjoni, illi ġaladarba l-Qorti riferenti ma ddeċiditx illi l-kwistjoni quddiemha sollevata kienet sempliċement frivola jew vessatorja allura l-Prim'Awla ma kinitx f'posizzjoni li tasal għal din il-konklużjoni. U dan għaliex jekk il-Prim'Awla tista' tiddeċiedi hekk wara rikors lilha dirett, m'hemmx raġuni li din il-fakolta` tiġi eskluża meta l-proċediment ikun b'riferenza;

(b) Fit-tieni raġuni għal din id-deċiżjoni, il-Qorti għamlet din id-distinzjoni:

"Fuq kollox, pero`, wara li kkunsidrat *funditus* id-diversi aspetti tal-kwistjoni devoluta lilha, din il-Qorti tara li għandha tirrileva illi taħt l-artikolu 4(3) il-Liġi tuża l-kelma "deċiżjoni". Dan ifisser li l-artikolu 4(5) mhux qed jikkontempla l-fehma li tesprimi l-Qorti li tirriferixxi imma jirrigwarda u jirriferixxi għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti li lilha tkun saret ir-referenza. Billi l-fehma mhix deċiżjoni ma torbotx lill-Qorti li għaliha ssir ir-referenza. Min naħa l-oħra imbagħad, id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti li għaliha saret referenza torbot skond l-artikolu 4(3)";

Hawnhekk din il-Qorti kienet qed targumenta kontra s-sottomissjoni li l-Prim'Awla ma tistax tiddeċiedi li referenza lilha magħmulha hija sempliċement frivola jew vessatorja, minħabba differenza fil-kliem użat, deċizjoni u fehma, bir-riżultat illi meta l-ewwel Qorti li quddiemha tkun tqanqlet kwistjoni ta' drittijiet fundamentali:

"dik il-Qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-<u>fehma</u> tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja (artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ripetut verbatim fl-artikolu 4(3) tal-Kap. 319)";

Bir-rigward kollu, pero` jekk l-ewwel Qorti tesprimi l-<u>fehma</u> li t-tqanqil tal-kwistjoni ta' drittijiet fundamentali hija sempliċement frivola jew vessatorja, dik <u>ir-referenza lill-Prim'Awla ma ssirx</u>, u għalhekk meta s-sentenza tgħid:

"Billi l-<u>fehma</u> mhix <u>deċiżjoni</u> ma torbotx lill-Qorti li għaliha ssir ir-referenza";

kjarament qed tgħid ħaġa impropriја, li ma tistax tiġi *kondiviża. Dik il-fehma ta' l-ewwel Qorti tiġi espressa f'deċiżjoni* li jew tawtorizza u tordna r-referenza jew għal kuntrarju, ma tippermettix ir-referenza għaliex it-tqanqil tal-kwistjoni tkun frivola jew vessatorja;

Biex din il-parti tas-sentenza tista' tingħata kontenut ġuridiku (irrispettivament mill-esposizzjoni strettament illoġika) trid tittieħed fis-sens illi meta, wara li tiġi miċħuda r-referenza, dak li talabha, jippreżenta rikors quddiem il-Prim'Awla, din il-Qorti mhix marbuta bl-espressjoni tal-fehma ta' l-ewwel Qorti li dik il-kwistjoni hija sempliċement frivola jew vessatorja; il-*fehma* espressa meta quddiemha intalbet referenza;

It-tieni sentenza ta' din il-Qorti, li saret referenza għaliha hija dik tat-23 ta' Novembru, 1990, **Alan Mifsud *et vs* l-Avukat Ġenerali *et*** (LXXIV.I.227);

Fuq din il-kwistjoni tal-konsegwenzi proċedurali li jirriżultaw mis-subinċiżi 3 u 5 ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, intqal hekk:

"Il-Qorti tifhem li l-posizjoni proċedurali korretta li nħolqot bil-provvedimenti kostituzzjonali hija fis-sens illi kull persuna li waqt xi proċediment quddiem xi Qorti - li mhix il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali - jidrilha li qamet xi kwistjoni kostituzzjonali - dik il-persuna trid tagħżel - jew li tipproċedi permezz ta' rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew billi tissolleva l-kwistjoni sabiex dik il-Qorti tibgħat l-istess quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Meta tingħażel din it-triq ta' referenza, il-persuna *tkun* qegħda effettivament *tinkorri r-riskju* proċedurali li dik il-Qorti tiddeċiedi li l-kwistjoni tieqaf hemm jekk

tiġi konsidrata frivola jew vessatorja. Altrimenti d-disposizzjonijiet kostituzzjonali proċedurali, fir-rigward, ma jistax ikollhom sens u konsistenza. Difatti l-kwisjtoni preżenti sollevata mir-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati - ġiet effettivamet eżaminata minn tlett Qrati - mill-Qorti tal-Maġistrati, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u minn din il-Qorti Kostituzzjonali. Dan imur kontra l-prinċipju fundamentali tas-sistema tagħna li hija bażata fuq żewġ gradi ġurisdizzjonali u li tippermetti biss t-tielet eżami, fil-kamp ristrett tar-ritrattazzjoni. U l-kontro-sens proċedurali jirrikaċċja aktar meta jiġi kkunsidrat illi qed jingħata triplu eżami għall-materja li l-liġi lanqas ma tikkonċedilha d-doppju eżami normali inkwantu l-materja hija frivola u/jew vessatorja;

Naturalment, huwa importanti li jiġi enfasizzat, kif hemm preċedentement indikat fl-istess sentenza, illi r-rikors quddiem il-Prim'Awla jkun fuq l-istess materja, ikun fuq kwistjoni identika, għal dik li ġiet sollevata quddiem l-ewwel Qorti u li fuqha intalbet ir-referenza. U difatti fid-*decide* jingħad illi:

"…. it-talbiet tar-rikorrenti huma mingħajr ebda bażi legali nkwantu jidhrilha li r-rikorrenti ma kellhom ebda dritt li jipproċedu permezz ta' rikors li l-kontenut tiegħu kien jirrigwarda l-istess kwistjoni kostituzzjonali li l-Qorti tal-Maġistrati kienet iddikjarat frivola u vessatorja, u wisq anqas jinterponu dan l-appell li huwa in effett fieragħ u vessatorju …."

Jiġi, f'dan l-istadju innutat illi l-biċċa l-kbira ta' referenza fuq id-drittijiet fundamentali s'issa saru mill-Qorti tal-Maġistrati fil-kompetenza tagħha ta' Ġudikatura Kriminali, iżda l-Kostituzzjoni u l-Kap.319 naturalment jikkontemplaw kull Qorti, barra mill-Prim'Awla u din il-Qorti Kostituzzjonali. Għalhekk, jekk, per

eżempju, quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tiġi sollevata kwistjoni fuq id-drittijiet fundamentali u dik il-Qorti "hija tal-fehma" - biex jintużaw il-kliem testwali tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319 - li l-kwistjoni hija sempliċement frivola u vessatorja, dik id-deċiżjoni, espressa f'digriet, dik id-deċiżjoni f'dak id-digriet, ma tistax tiġi appellata quddiem il-Qorti ta' l-Appell. Huwa ċar li dan l-appell dirett, huwa ekluż. Il-Qorti ta' l-Appell ma tistax tikkunsidra illi l-fehma tal-Qorti tal-Kummerċ li l-kwistjoni sollevata hija "sempliċement frivola jew vessatorja" m'hijiex korretta, u tirriferixxi hi, il-kwistjoni lill-Prim'Awla. U dak li ġie deċiż f'din is-sentenza, **Mifsud *et vs* L-Avukat Ġenerali *et*** huwa li anke appell indirett permezz ta' rikors quddiem il-Prim'Awla ma huwa ammissibbli;

It-tielet sentenza ta' din il-Qorti li jinvoka l-intimat hija dik tas-17 ta' Novembru, 1993, **Joseph Portelli *vs* l-Onorevoli Prim Ministru *et*** (LXXVII.I.149);

F'dan il-każ, il-Prim'Awla kienet iddeċidiet li kwistjoni ta' drittijiet fundamentali sollevata quddiemha, kienet frivola u vessatorja, u din il-Qorti Kostituzzjonali, meta quddiemha inġieb l-Appell, kienet lapidarja:

"Hu ovvju, li tħares fejn tħares lejn dan l-inċiż 5 ta' l-artikolu 46, ifisser ħaġa waħda u hi ċara daqs il-kristall. Ifisser, illi kemm fil-każijiet ikkontemplati fl-inċiż 1, kif ukoll fil-każijiet ipprospettati fl-inċiż 3, jekk id-deċiżjoni tkun li t-talba fl-ewwel każ, jew it-tqanqil tal-kwistjoni fit-tieni każ, huwa frivolu u vessatorju, ma jkunx hemm dritt ta' appell";

Din is-sentenza, għalhekk, għalkemm ma għamlet ebda referenza għas-sentenzi preċedenti li ngħataw fuq din il-kwistjoni,

sostanzjalment segwit is-sentenza **Mifsud** ***et vs*** **l-Avukat Ġenerali** ***et*** u mhux dik preċedenti ta' **Il-Pulizija** ***vs*** **Michael Pace** ***et***;

Għalkemm ma ssemmietx is-sentenza ta' din il-Qorti *tat-18 ta' Mejju, 1994*, **Nutar Dr. Joseph Abela** ***vs*** **Onorevoli Prim Ministru** ***et***, ukoll irriteniet li ma kinitx appellabbli s-sentenza tal-Prim'Awla, fejn din irriteniet partijiet mir-rikors promotur, frivoli u vessatorji;

Il-kwistjoni fil-preżenti appell hija din - stabbilit illi deċiżjoni ta' kwalsiasi Qorti, li l-kwistjoni sollevata quddiemha fuq l-allegazzjoni li rrikorriet vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali, jew, fil-każ tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, id-deċiżjoni tagħha l-lament simili magħmul b'rikors quddiemha - hija *sempliċement frivola u vessatorja* huma f'kull każ deċiżjonijiet finali u insindakabbli? Fil-każ li r-risposta hija fl-affermattiv, imbagħad, jekk din l-assolutezza hijiex aċċettabbli; - *tenut speċjalment kont tal-materja in kwistjoni*, jiġifieri allegata vjolazzjoni ta' dritt jew liberta' fundamentali;

L-intimat, mingħajr ma jgħid espressament li huwa jsostni din l-assolutezza proċedurali, naturalment, assedjat mid-dubbju li proposizzjoni bħal din, konċettwalment toħloq, jirrispondi billi jgħid li s-soluzzjoni għal dik ir-regola proċedurali assoluta tas-sistema proċedurali tagħna f'din il-materja, qegħda fil-fakolta' li għandu dak li jħossu vittma ta' negazzjonijiet bħal dawn, li jirrikorri quddiem l-organi ġudizzjarji ta' Strassburgu imwaqqfa mill-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem li fl-1987 tpoġġew għad-disposizzjoni tiegħu;

Dan huwa, korrett. Pero' din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tkun sodisfatta b'tali soluzzjoni biss, li timplika li allura, bejn l-

1964, meta bdiet isseħħ il-Kostituzzjoni, u l-1987, f'dawk it-tlieta u għoxrin sena, dik l-assolutezza kienet verament assoluta;

Kif diġa' ġie rimarkat fil-paragrafi *supra*, id-dritt ta' appell ġie eskluż f'dawk il-każijiet fejn l-ewwel Qorti li tiġi konfrontata bi kwistjoni ta' allegazzjoni ta' vjolazzjoni ta' xi dritt jew liberta' fundamentali tiddeċiedi li l-kwistjoni hija *sempliċement frivola jew vessatorja* hija neċessarja għaliex altrimenti tkun possibbli dik it-tip ta' deġenerazzjoni proċedurali li, inevitabbilment u legalistikament tinħoloq, jekk kemm-il darba tingħata liċenzja biex isir, per eżempju, dan il-kwalita' ta' perkors proċedurali: (a) Qorti tal-Kummerċ, (b) Qorti ta' l-Appell, (ċ) Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (d) Qorti *Kostituzzjonali*, (e) *Qorti tal-Kummerċ*, (f) *Qorti ta' l-*Appell - f'kawża "normali" ta' kompetenza kummerċjali, fejn debitur kapriċċuż, li għandu kollox x'jiggwadanja billi jipprolunga kemm huwa possibbli l-proċediment, biex il-kundanna finali tasal wara għaxra jew ħmistax-il sena flok wara tlieta jew erba' snin - u dan skond kemm ikun kapaċi li jissolleva "kwistjoni fundamentali" irrispettivament jekk dik tkunx frivola u/jew vessatorja, minflok serja, u li allura għandha tiġi sopportata anke mill-kreditur. Għal din, u għal raġunijiet oħra simili ta' natura proċedurali, in-norma espressa fis-subinċiż 5 ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni hija neċessarja;

Ma tkunx konformi ma' l-esiġenzi tal-ġustizzja, tifsira assolutistika ta' l-artikoli in eżami - Kostituzzjoni 46(5) u Kap.319 - 4(5);

Din il-Qorti difatti kienet ġa qalet dan fis-sentenza tagħha, ġa msemmija, tat-18 ta' Mejju, 1994, **Nutar Dr. Joseph Abela *vs* Onorevoli Prim Ministru *et*;**

"Din ir-regola (i.e. ta' non-appellabbilita') tal-Kostituzzjoni tagħna għandha u trid tiġi rispettata, ħlief f'dawk il-każijiet estremi fejn din il-Qorti, għalkemm ikun hemm deċiżjonijiet ta' frivolita' u/jew vessatorjeta', billi issa għandha l-kompitu li, tara li, fil-kamp tad-drittijiet naturali jew fundamentali, tiġi segwita l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani, fejn jidhrilha sewwa xieraq u neċessarju, tagħmel mod ieħor." (paragrafu 10 tas-sentenza);

Il-motivazzjoni imsemmija tal-ġurisprudenza ewropeja mhix għal kollox sodisfaċenti, pero', il-kwalifiki ta' sewwa, xieraq u neċessarju, - speċjalment din ta' l-aħħar - kienu diġa' korrettement elenkati. B'dan kollu, din il-Qorti, qabel dan il-preżenti appell, ma kellhiex l-opportunita' deċiżjonali li tindaga l-implikazzjonijiet ta' assolutezza li setgħu ġew assunti jew dedotti mill-ġurisprudenza ta' din il-Qorti stess fl-interpretazzjonijiet mogħtija lill-artikolu 46(5);

In aġġunta għal dak li diġa' ntqal qabel, l-aspett ta' assolutezza tad-divjet ta' appell, hemm imbagħad, raġuni oħra forsi aktar bażilari u deċiżiva;

Il-frażi tgħid "sempliċement frivola jew vessatorja" u l-kwalifika ta' "sempliċement" ma ngħatatx dik l-attenzjoni li verament jixirqilha;

Difatti hawnhekk, "sempliċement", tfisser li t-tqanqil tal-kwistjoni biex issir referenza, jew it-talba fir-rikors quddiem il-Prim'Awla - ikunu, mal-ewwel jidhru li huma vani, nieqsa mis-serjeta', manifestament nieqsa mis-sens, u ma jistħoqqilhomx attenzjoni (ara Qorti Kostituzzjonali **Mifsud *vs* l-Avukat Ġenerali** LXXIV.I.234) u dan kollu b'mod tant ċar illi mhux raġonevolment

possibbli li jiġi kontestat, li dak it-tqanqil u dik it-talba huma effettivament frivoli. U l-istess għandu jingħad għall-konklużjoni l-oħra ta' vessatorjeta' fejn tant ma *jkunx hemm raġunijiet suffiċjenti* biex isostnu t-tqanqil jew it-talba, illi allura l-motivazzjoni li għalihom sar tkun li ddejjaq u tirrita lill-kontro-parti (ibid);

Isegwi minn dan illi ġaladarba tqanqil jew it-talba huma manifestament u kjarament, mingħajr biża' ta' raġonevoli kontestazzjoni, vani, nieqsa mis-serjeta', nieqsa minn jew bla sens, allura huwa daqstant ieħor, sempliċement frivoli jew/u vessatorji. U din il-kjarezza, hija tali li ssir assjomatika u m'għandhiex bżonn li tiġi dimostrata, tant illi l-Kostituzzjoni tippreżumi - *juris tantum* - illi kull ġudikant, rinfaċċjat b'simili kontinġenza, mingħajr biża' *ta' kontradizzjoni, għaliex il-kontinġenza hija lampanti, jimbollha* kif jixirqilha, bħala frivola u/jew vessatorja u l-kwistjoni tieqaf hemm;

Din il-Qorti Kostituzzjonali li bis-saħħa ta' l-artikolu 95(2)(ċ) tal-Kostituzzjoni għandha tisma' u tiddeċiedi:

"appelli minn deċiżjonijiet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skond l-artikolu 46 ta' din il-Kostituzzjoni";

u għaldaqstant, meta quddiemha jidher appell minn sentenza *li ddeċidiet li t-tqanqil jew it-talba huma* sempliċement frivoli u/ jew vessatorji, għandha allura l-kompitu, daqstant ieħor sempliċi, li mill-ewwel tara li manifestament hekk hu u konsegwentement tirrifjuta l-appell;

Din il-Qorti - moqrija l-atti tal-kawża - bir-rigward kollu - ma tistax tgħid illi l-materja tal-kawża, jew aħjar, it-talba tar-rikorrenti

hija sempliċement frivola jew/u vessatorja;

Il-pretenzjoni hija li l-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H tal-Kap.12 li daħal fil-Kodiċi Kriminali fl-1990 bl-Att XXIX, inkwantu jistabbilixxi piena aktar ħarxa minn dik li kienet in vigore fl-1984, meta huma kkommettew id-delitti li tagħhom ġew misjuba ħatja; u peress illi skond l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni:

".... ebda piena m'għandha tiġi mposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien meta jkun ġie magħmul";

u l-artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni, jistabbilixxi:

"*Nor shall a heavier penalty be imposed than the one that was applicable at the time the criminal offence was committed*";

allura, huma sofrew vjolazzjoni tad-dritt fundamentali garantit f'dawn l-artikoli;

L-intimat fir-risposta, espona illi l-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali stess - qabel ma saret il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni - kien diġa' jipprovdi l-istess norma:

"Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun sseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda għandha tingħata l-piena lanqas gravi";

Billi s-sentenza kontra r-rikorrenti ingħatat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-oġġezzjoni tagħhom għal dik il-piena kellha tiġi avvanzata fl-appell tagħhom quddiem il-Qorti Kriminali. La dan mar sarx allura l-Prim'Awla għandha tapplika l-*proviso* ta' l-

artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha għaliex għandha tkun sodisfatta li r-rikorrenti kellhom mezzi xierqa għar-rimedju skond il-Kodiċi Kriminali u ma ttentawhx;

Wara din l-oġġezzjoni l-intimat jissottometti oħrajn:

(i) li l-artikolu 28H ma joħloqx piena;

(ii) illi r-rikorrenti jridu sentenza sospiża imma ma jridux id-direttiva li tikkondizzjona dik is-sentenza;

(iii) li l-artikolu ġdid ma jagħtix lill-vittma xi arrikkiment indebitu;

(iv) illi rikors huwa immirat biss biex "sempliċement biex iwaqqaf l-effett tar-rikors intavolat mill-vittma" (u mhux kif żbaljatament hemm imniżżel mill-attur);

Oġġettivament, din il-Qorti, ma tistax tgħid li dawn iż-żewġ teżijiet, fihom infishom, moqrija flimkien loġikament u ġurdikament, jikkonverġu biex iwasslu għall-konklużjoni li t-talba tar-rikorrenti hija sempliċement frivola jew vessatorja. Difatti jista' verament jingħad li l-materja li għadha kif ġiet konċiżament riportata fil-paragrafi ta' qabel - ma' l-ewwel *tidher li hija vana? Li hija nieqsa* mis-serjeta'? Li hija manifestament nieqsa mis-sens? Li ma jistħoqqilhiex attenzjoni?

Ir-risposta għal kull waħda minn dawn il-mistoqsijiet ma tistax tkun ħlief - le;

Dan ma jfissirx, naturalment, li r-rikorrenti għandhom

intrinsikament raġun. Ifisser biss li għandhom raġun li jappellaw mid-deċiżjoni tal-Prim'Awla li qalet li t-talba tagħhom hija frivola u vessatorja;

Fis-sentenza appellata mbagħad, l-ewwel Qorti ma qalitx li l-kwistjoni hija sempliċement frivola u vessatorja u waqfet hemm. Kif għandu dejjem ikun meta dak verament ikun il-każ. Iżda daħlet biex teżamina l-pretensjoni tal-vjolazzjoni u ddeċidiet li m'hemmx vjolazzjoni skond il-mertu tal-kwistjoni. Dan il-mod ta' proċediment u s-sentenza m'huwiex ġurdikament korrett, għaliex jekk il-kwistjoni fil-mertu jkun ħaqqha eżami u deċiżjoni, allura dak l-atteġġjament stess jeskludi, ġudizzju kontestwali u kontemporaneja li kollox huwa "**sempliċement** frivolu u vessatorju";

Difatti din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikors tar-rikorrenti għandu jfalli għaliex huma kellhom kull oportunita' li jqanqlu l-kwistjoni li qed jivventilaw f'dan ir-rikors, quddiem l-Onorabbli Qorti ta' Appell Kriminali - Sede Inferjuri - l-ewwel a bażi tar-regola fl-artikolu 27 Kap. 9 - kif sewwa irrisponda mill-bidu nett l-intimat, u wara, a bażi ta' l-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali. Jekk imbagħad dik il-Qorti tiddeċiedi kontra t-teżi tagħhom, allura f'dak il-mument, ikunu jistgħu jirrikorru quddiem il-Prim'Awla u jallegaw li huma sofrew vjolazzjoni ta' dritt fundamentali minn dik il-Qorti. Iżda dan huma m'għamluhx. Dak kien ir-rimedju ordinarju li huma kellhom kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li, skond huma ivvjolatilhom dak id-dritt. U dan in-nuqqas tagħhom huwa fatt li għaliex issa ma jistgħux jillamentaw li l-vjolazzjoni saret mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, meta quddiem dik il-Qorti huma ma llamentawx li huwa kien ġa vittma ta' dik is-suppost vjolazzjoni mis-sentenza li kienu qegħdin jikkontestaw, a bażi ta' aggravji oħra;

Wara din il-konsiderazzjoni huwa utli wkoll li jiġi nnutat illi kieku r-rikorrenti issollevaw il-kwistjoni fl-istadju opportun u proprju, ta' l-appell kriminali, u dik il-Qorti iddeċidiet dik l-eċċezzjoni - f'sens negattiv għar-rikorrenti, allura, eżawrit il-mezz ordinarju a bażi ta' l-artikolu 27 Kap.9, huma kienu jistgħu jinterpellaw ir-rimedju speċjali a bażi tar-regoli kostituzzjonali u konvenzjonali. U kieku dan sar - billi kemm il-Prim'Awla u kemm eventwalment *din il-Qorti, kien ikollhom quddiemhom il-kwistjoni*, arrikkita wkoll b'dak li tkun qalet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali - allura, kien ikun aktar u aktar ċar u manifest li l-Prim'Awla kienet tkun obbligata li teżamina u jekk hemm bżonn tissupplimenta d-deċiżjoni tal-Qorti ta' Appell Kriminali, bl-apport ta' konsiderazzjonijiet u motivazzjonijiet, bażati fuq kif in-norma garantistika hija kontemplata fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni;

Għaldaqstant, din il-Qorti tilqa' l-appell tar-rikorrenti fis-sens illi filwaqt li tiddikjara li nonostante li l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili iddeċidiet "r-rikors tagħhom huwa wieħed frivolu u vessatorju" *billi t-talba tar-rikorrenti ma hijiex waħda li tista' tiġi* sempliċement kunsidrata frivola u vessatorja u konsegwentement l-appell huwa, fuq daqshekk ammissibbli, iżda fil-mertu dak ir-rikors ma jistax jiġi kunsidrat għaliex il-Qorti hija sodisfatta li r-rikorrenti ma wżawx il-mezzi tal-liġi ordinarja, jiġifieri l-Kodiċi Kriminali - biex jottjenu r-rimedju opportun għal dak li minnu qed jillamentaw, u billi dan in-nuqqas tagħhom lanqas huwa b'xi mod u manjiera ġustifikat, din il-Qorti tara li huwa neċessarju, aktar milli desiderabbli, li ma teżerċitax il-poteri ġurisdizzjonali tagħha oltre l-limiti ta' din is-sentenza;

Id-deċiżjoni fuq il-mertu ta' l-ewwel Qorti hija revokata fis-sens li l-istess materja għandha tibqa' impreġudikata u tista' tiġi, *si et quatenus* eżaminata u deċiża kemm skond il-Kodiċi Kriminali, kif ukoll skond il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni;

L-ispejjeż ta' l-ewwel grad għar-rikorrenti, dawk ta' dan l-appell mingħajr taxxa bejn il-kontendenti.